MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2015

Avviz Numru. 195/2014

**Nestle Malta Limited (C 33045)**

**vs**

**A. Baran Limited (C39371), Osman Mohammed Said el Sharif u Ian Chircop Beck**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta’ attrici li gie pprezentat nhar is-6 ta’ Gunju 2014 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsuha flimkien u solidalment bejniethom, jew min minnhom, s-somma ta’ tmint elef, sitt mija u sebghin ewro (€8,670), rapprezentanti bilanci dovuti fuq prezz ta’ merkanzija mibjugha u debitament ikkonsenjata lilhom, u li huma naqsu li jhallsu minkejja diversi interpellanzi.

Bl-interessi legali mid-data/i tal-fatturi relattivi, u bl-ispejjez legali komprizi dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment kontra l-intimati, li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut Osman Mohammed Said el Sharif u s-socjeta’ konvenuta A. Baran Ltd kienu debitament notifikati skond riferti pozittivi tal-Marixxall Carmel Gauci datati 19 ta’ Gunju 2014 fejn thallew kopji tal-avviz fl-indirizz kif moghti fir-rikors promotur.

Rat illi l-konvenut Ian Chircop Beck kien debitament notifikat skond riferta posittiva tal-Purtier Charles Buttigieg datata 12 ta’ Dicembru 2014 fejn thalliet kopja tal-avviz fl-indirizz tal-konvenut kif moghti fir-rikors promotur (fol. 17 tergo). Inoltre thalliet kopja tar-rikors promotur fil-Kunsill Lokali tal-Hamrun nhar il-15 ta’ Dicembru 2014 u fil-Kunsill Lokali ta’ H’Attard fit-12 ta’ Dicembru 2014, fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun nhar il-15 ta’ Dicembru 2014 u fl-Ghassa tal-Pulizija ta’ H’Attard nhar it-12 ta’ Dicembru 2014.

Rat illi l-konvenuti gew notifikati dwar ir-rikors permezz ta’ publikazzjoni fil-gazzetta tal-gvern nhar is-16 ta’ Dicembru 2014 (fol 16) u fil-gazzetta lokali The Malta Independent nhar l-14 ta’ Jannar 2015 (fol. 19)

Rat illi fis-seduta tal-21 ta’ Jannar 2015 il-konvenuti gew imsejjhin izda ma dehrux, biex jikkontestaw it-talba attrici.

Rat illi l-avukat difensur tas-socjeta’ attrici pprezenta kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenuti dakinhar tal-21 ta’ Jannar 2015.

Rat illi fis-seduta tal-4 ta’ Frar 2015 il-konvenuti ma dehrux ghas-subizzjoni taghhom.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta’ attrici jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tmint elef, sitt mija u sebghin ewro (€8,670), ghar-ragunijiet indikati fir-rikors, bl-interessi legali mid-dati tal-fatturi relattivi u bl-ispejjez legali komprizi dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment mar-rikors promotur.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------